# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 15 ta' Marzu, 2002.**

**Kawza Numru: 14**

**Citaz. Nru. 741/00GV**

**Maltacom p.l.c**

**vs**

**Mary Carmen Galdes**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi skond ir-regolamenti u l-ligijiet vigenti u l-ftehim ta' kera u servizz ta' telefon bejn il-konvenuta u t-Telemalta Corporation (ara Dok. A), il-konvenuta hija debitrici versu s-socjeta' attrici fis-somma komplessiva ta' elfejn u tnejn u tmenin Liri Maltin u seba' centezmi (Lm2,082.07), dovuti in konnessjoni mas-servizz tat-telefon numru 678581.

Premess illi dan l-ammont jikkonsisti fi spejjez in konnessjoni mal-kera ghas-servizz tat-telefons u sejhiet maghmula bit-telefons kif indikati fil-prospett anness bhala Dok. B.

Premess illi minkejja li nterpellata thallas il-konvenuta baqghet inadempjenti.

Premess illi dan id-debitu hawn imsemmi huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talba attrici.

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1 Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a termini ta' l-Artikoli 167 *et sequentia* tal-Kodici tal-Procedura Civili.

2 Tiddikjara lill-konvenuta debitrici versu s-socjeta' attrici fis-somma komplessiva ta' elfejn u tnejn u tmenin Liri Maltin u seba' centezmi (Lm2,082.07), dovuti in konnessjoni mas-servizz tat-telefon numru 678581.

3 Tordna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma komplessiva ta' elfejn u tnejn u tmenin Liri Maltin u seba' centezmi (Lm2,082.07), dovuti in konnessjoni mas-servizz tat-telefon numru 678581.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-14 ta' Novembru, 1997 u bl-imghaxijiet legali kalkolati mill-14 ta' Novembru, 1997 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci.

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici.

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici.

Ezaminat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti it-talba kif dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' konvenuta kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**